# Il-Fidda fil Knisja Parrokkjali

Il-lampieri tal-fidda fil-knisja parrokkjali tal-Għargħur saru madwar mitt sena ilu. Wieħed jistagħġeb kif f'parroċċa antika bħal tagħna l-fidda saret fis-seklu l-ieħor, iżda dan ġara peress li sett tal-lampieri li kien hemm fl-antik kienu nsterqu mit-teżor peress li ċ-ċwievet kienu jinżammu fis-sagristija. Meta ħarġuhom mit-teżor, ħaduhom ġo għalqa fi sqaq ta wara l-knisja, hemmhekk bdew ikissruhom f'biċċiet żgħar u jidfnuhom fil-ħamrija.

L-uniku lampier li ma nsteraqx kien dak tal-Madonna tar-Rużarju għaliex kien imdendel għall-festa tal-Madonna tar-Rużarju fix-xahar t'Ottubru. Dan huwa
antik
fet u
dawn
Mill-b
hom :



**Il-lampier tal-B.V. taċ-Ċintura**

L-Isqof ta' dak iż-żmien kien ġie infurmat b'din is-serqa u l-kappillan u l-kleru ġew imġiegħla jagħmlu dikjarazzjoni bil-ġurament dwarha. Din id-dikjarazzjoni tinsab fl-arkivji tal-parroċċa, il-prokuratur ġie sospiż immedjatament, u ġie mġiegħel jagħmel opra bħala tpattija fil-knisja għal nuqqas ta' kura taċ-ċwievet. Dan il-prokuratur għamel din l-opra billi ħallas minn butu ċ-ċensier il-kbir u fuq in-naħa t'isfel tiegħu insibu minqux l-isem tiegħu u d-data ta' meta sar.

Wara bħala prokuratur tal-knisja ġie magħżul il-Kanonku Dun Matteo Hyzler mill-Belt li kien jiġi jqatta' l-btajjel tas-sajf f'dan ir-raħal. Dun Mattew mill-ewwel ħa l-inkarigu biex jerġħhu jsiru l-lampieri u peress li kien jaf lil xi familji li setgħu jħallsu għal xi wieħed minnhom setgħu jsiru malajr. Dan jixhduh l-ismijiet u d-dati li naraw imnaqqxin fuq kull lampier. Inżerta li fl-istess żmien kienu qegħdin isiru l-gandlieri tal-fidda għall-Kolleġġjata ta' San Pawl tal-Belt, li Dun Mattew kien ukoll prokuratur tal-istess knisja, naħsbu li sew il-gandlieri tal-Belt imsemmija kif ukoll il-lampieri tal-Għargħur ġew maħdumin flimkien minn l-istess arġentieri.



**Il-lampier tal-Bon Konsill**

Il-lampieri jvarjaw sew fid-disinn u d-daqs, huma xogħol sabiħ martellat fuq il-fidda. Huma magħmulin fit-tond, angolati minn irjus t'anġli u ornat ieħor minn fejn joħorġu l-ktajjen biex jiddendlu. Madwar it-tliet faċċati nsibu figuri mnaqqxin tal-Madonna, San Ġużepp, u San Bert flimkien ma skrizzjonijiet bl-isem ta' min iħallas għalihom u d-data ta' meta saru. Tista' tgħid li fuq kull lampier issib is-sena 1886 - 1888.

Jingħad li kull lampier kien sewa (£60) sittin lira, li għal mitt sena ilu kienet somma ġmiela. Il-piż tal-fidda ta' kull lampier ivarja minn wieħed għal ieħor skond id-daqs.


Il-lampier ta' San Ġużepp

Is-salib tal-kleru huwa magħmul ukoll mill-fidda u jingħad li l-parti ta' fuq kienet ukoll misruqa flimkien mal-lampieri iżda dan ma laħqux kissruħ bħall-kumplament. Dan is-salib huwa sabiħ ħafna, fidda mastizz bil-korp ta' Kristu fuq quddiem fil-waqt li fuq wara tas-salib għandha tlett irjus tal-anġli madwarha u l-lasta hi mżejna b'girlanda ta' fjuri u weraq minn fuq sa isfel.

L-isfera tas-Sagrament hija tal-fidda maħduma b'sengħa kbira, r-raġġi u s-sieq huma ornati b'disinn sabiħ ħafna.


L-isfera u ċ-ċensier

Iċ-ċensier il-kbir huwa mdaqqas u għandu forma grazzjuża il-piż tiegħu tal-fidda huwa mhux ħażin u dan sar minn Dun G. Micallef.

Fil-knisja nsibu xi kalċijiet antiki ħafna b'xogħol sabiħ fuq il-fidda mħollijin minn diversi saċerdoti li kienu jservu fil-knisja tagħna.


Il-lampier tal-Kunċizzjoni

Il-Kruċetti flimkien mal-lasti tal-istandardi tal-Konfrateniti flimkien mal-medaljun tar-retturi u surġentini huma kollha magħmulin mill-fidda xogħol sabih u maħdumin b'sengħa kbira minn arġentiera ta' dak iż-żmien.



**Il-lampier lil jintrama fil-kor.**

Ix-xogħol tal-fided li naraw iżejnu l-knisja tagħna juri tassew is-sengħa qawwija li nħadmu biha fl-imgħoddi. Juri wkoll l-imħabba li kellhom missirijietna li taw dak li setgħu biex saret il-fidda biex iżejnu dan it-tempju għall-glorja t'Alla u ta' San Bert.

Aħna li qegħdin ingawdu dan il-ġmiel ta' teżori, għadna nkunu tassew grati lejhom li ħallewlhom. Niftakru fihom fit-talb tagħna u nibżgħu għal dawn, it-teżori.

1. Il-lampier maġġur magħmul fl-1888 mill-biċċiet tal-fidda tal-lampieri mkissrin li nstabu wara s-serqa.
2. Fuq il-lampier tal-kor l-iskrizzjoni tgħid li ħallsu għalih Grazio u Anna Pirotta fl-1888.
3. Ta' San Ġużepp ħallsu benefattur mhux magħruf. Dan il-lampier għandha sehem minnu Santa Marija Taż-Żellieqa u sar fl-1888.
4. Tal-Kunċizzjoni jġib l-isem ta' min għamlu, kienu Michael u Anna Micallef u sar 1889.
5. Tal-B.V. taċ-Ċintura sar minn benefatturi mhux magħrufa u d-data ta' meta sar hija 1889.
6. Tar-Rużarju sar fl-1794.
7. Tal-Buon Konsill sar fl-1888.


# IKLA TAL-FESTA

Okkażjoni Speċjali:L-Egħluq tal-Festa Flimkien

*BELLE VIEW RESTAURANT, MELLIEĦA*

IS-SIBT, 5 TA' SETTEMBRU, fit-8.30 p.m.

*Menu:* Drink

1) Tomato soup / Lasagne / Egg Majonaise
2) Roast Beef / roast Chicken
3) Gateau / Ġelat
4) Tazza inbid / Soft Drink
5) Kafe

Prezz kbar bit-trasport Lm3.50c mingħajr trasport Lm3.25c
Tfal taħt l-14-il sena Lm2.25c bit-trasport, mingħajr trasport Lm2.00c
Booking miftuħ mill-Uffiċċju Parrokkjali jew mingħand l-inkarigati tas-soltu sa nhar il-Ġimgħa, 28 ta' Awissu.